KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa b'Urġenza tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**8 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 72**

**It-Tlieta 7 ta' Novembru 2023**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |
| Is-Sur | Simon Buttigieg | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sa | Doriana Portelli | Kunsilliera |

**ASSENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Carlo Stivala | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**

Ħadd

**72.01 Qari tal-ittri t'apoloġija**

**72.01.01** Il-Kunsillier Joseph Farrugia bagħat ittra sabiex jiġi skużat mis-seduta tal-lum minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**72.01.02** Il-Kunsilliera Doriana Portelli bagħtet ittra sabiex tiġi skużata mis-seduta tal-lum minħabba li hi xogħol. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**72.01.03** Dwar il-Kunsillier Carlo Stivala ma waslet l-ebda komunikazzjoni mingħandu dwar is-seduta tal-lum. Is-Sindku Scott Camilleri qal li għadna qed nistennew direzzjoni min-naħa tad-diviżjoni dwar il-pożizzjoni tal-kunsillier.

**72.02 Attività tal-Milied**

**72.02.01** Is-Sindku Scott Camilleri ta spjegazzjoni dwar l-applikazzjoni SPI/SCI/1/2023 bl-isem 'Skema għall-attivitajiet kulturali annwali 2023-2024'. Il-Kunsill Lokali kien applika għall-fondi marbuta ma' Milied fil-Pjazza, li ssir matul ix-xahar ta' Diċembru. F'din l-applikazzjoni l-Kunsill applika għal attività li matulha grupp li kien jaħdem flimkien mal-Kunsill Lokali biex din issir, abdika lill-Kunsill Lokali minn din il-pożizzjoni. Għalhekk il-Kunsill Lokali kellu jaħseb għal alternattiva oħra. Hu stieden lill-Viċi Sindku Josette Busuttil sabiex tispjega l-programm imħejji.

**72.02.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil bdiet billi qalet li din is-sena l-programm se jkun mifrux fuq jumejn. Il-programm se jiftaħ is-Sibt 16 ta' Diċembru u jkompli l-għada l-Ħadd 17 ta' Diċembru. Is-Sibt se jsir il-*Concerto Di Natale* permezz ta' programm mużikali, bil-baned tal-lokal ġewwa l-Knisja Parrokkjali. Il-baned se jkunu qed idoqqu mużika addattata għal matul iż-żmien tal-Milied. Hi qed tissuġġerixxi li l-programm jiġi ppreżentat minn żewġ rappreżentanti tas-soċjetajiet mużikali sabiex ikun hemm sehem iżjed dirett mill-għaqdiet. Dan il-programm se jibda wara l-quddiesa ta' filgħaxija. Dan il-programm huwa wkoll l-uniku kunċert fejn iż-żewġ baned tal-lokal jingħaqdu flimkien u jagħmlu serata mużikali flimkien. L-għada, il-Ħadd 17 ta' Diċembru, wara l-quddiesa ta' filgħaxija, se jkun qed isir kunċert vokali mill-kor Centrestage. Hekk kif jintemm dan il-kor se jsir kunċert mużikali mill-band Drop-Out, flimkien mal-kantanti Ritianne Azzopardi u Tiziana Calleja.

**72.02.03** Il-kunsilliera kollha preżenti qablu ma' dan il-programm proponut.

**72.03 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**72.03.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-18:20, wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 21 ta' Novembru 2023, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta 21 ta' Novembru 2023.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ____________________ | ____________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |